**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**ILLUM 30 TA' NOVEMBRU 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR KEITH ARNAUD)**
**(SPETTUR KURT ZAHRA)**

**Vs**

**YORGEN FENECH**

Nipprezentaw taht arrest lil: **YORGEN FENECH** [redacted]

U nakkuzawh talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-sittax (16) ta' Ottubru 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur u s-snin ta' qabel din id-data:

(a) ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali;

(b) ippartecipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda, inkluz izda mhux limitati ghall-ghoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutagg ta' membri godda, meta kien jaf l-ghan jew l-attivita' b'mod generali tal-ghaqda stabbilita;

(c) irrenda ruhu komplici ma' terzi li dolozament bil-hsieb li joqtlu persuna u cioe lil Daphne Caruana Galizia, jew li jqieghdu il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt;

(d) f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

(e) irrenda ruhu komplici ma' terzi li dolozament, b'sustanza esploziva, ghamlu esplozjoni li kkagunat il-mewt ta' persuna u cioe' ta Daphne Caruana Galizia jew li setghet tqieghed f'periklu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma propjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli w dan ai termini tal artikolu 23A et. seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant filwaqt li qed nesebixxu l-passaport ta' l-imsemmi Yorgen Fenech, nitolbu sabiex dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi u sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-imputat jiddepozita l-Karta ta' l-identita' tieghu f'dawn l-atti u dan fid-dawl ta' l-izvilupp tas-shubija ta' pajjizna fiz-zona Schengen ai termini ta' l-artikoli 6A(b) ta' l-Att dwar il-karta' ta' l-identita', Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Keith Arnaud**
Spettur

**Kurt Zahra**
Spettur